**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 2/2015**

**Louis Zammit (KI nru 530260M), Dorothy Zammit Martaus (KI nru 569857M) f'isimha propju u bhala mandatarja ta' Josephine Lorraine Johnson (passaport Malti 488200)**

**vs**

**Mark Micallef (KI nru 408764M)**

**Illum, 14 ta' Lulju, 2016**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-intimati rikorrenti li jghid hekk;

1. Illi nhar il-15 ta' Dicembru, 2014 ir-rikorrenti gie a konoxxenza ta' mandat ta' zgumbrament hawn anness Dokument A li gie notifikat fl-indirizz bin-numru ufficjali 149 gia 66, St Anthony Street, u

internament immarkat bin-numru 1, St. Anthony Street, Bugibba insegwitu ghal rikors intavolat quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet 'Louis Zammit et vs Mark Micallef' rikors numru 42/2015 Dokument B;

2. Illi ir-rikorrent qatt ma gie notifikat bl-atti tar-rikors intavolat quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u konsegwentment ma deherx quddiem il-Bord ghas-smiegh tal-kawza.

3. Illi jirrizulta anki mill-atti tar-rikors illi effettivament n-notifika saret lil certa Marika Muscat u f'indirizz differenti minn dak tal-fond inkwistjoni Dokument C.

4. Illi minkejja dan il-Bord tal-Kera kompla bil-kawza billi sema' ix-xhieda u iddecieda l-kawza.

5. Illi ghalhekk l-esponent ma kellux l-oppertunita' li jiddefendi l-posizzjoni tieghu u jirrizulta manifestament li l-atti huma aflitti minn zball ta' procedura stante illi r-rikorrent ma giex debitament notifikat bl-atti.

6. Illli r-rikorrent qieghed isejjes it-talba tieghu ta' ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12 u cioe' n-nuqqas ta' notifika bl-atti tar-rikors u peress li huwa ma deherx quddiem il-bord, kif ukoll a bazi tal-Artikolu 811 (1) tal-Kap 12 peress li s-

sentenza hija effetti minn zball li jidher manifestametn fl-atti.

7. Illi ghalhekk ir-rikorrent ma kellux smiegh xieraq.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija l-esponenti umilment jitlob sabiex dan l-Onorabbli Bord:

1. Ihassar, jannulla u jirrevoka s-sentenza tat-13 ta' Ottubru, 2014 moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet 'Louis Zammit et vs Mark Micallef' rikors numru 42/2014 Dokument B hawn anness;

2. Jordna konsegwentement ir-ritrattazzjoni tas-smiegh mill-gdid tal-kawza.

Bir-rizerva ta' kull dritt dwar smiegh xieraq.

Bl-ispejjez kontra l-intimati ngunti in subizzjoni .

Ra wkoll ir-risposta guramentata ta' Louis Zammit et.;

1. Illi preliminarjament jigi rrilevat illi dawn il-proceduri huma nulli stante li l-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax ghall-proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u dan ghar-ragunijiet segwenti;

a) Illi jigi rrilevat illi l-Bord li Jirregola l-Kera u r-regolamenti dwar il-procediment tal-Bord li Jirregola l-Kera huma regolati bil-Kapitolu

69 u bil-Legislazzjoni Sussidjarja 69.01 u 69.02;

b) Illi kull fejn il-legislatur ried li certu artikoli tal-Kapitolu 12 japplikaw ghall-proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, l-legislatur haseb ghal tali disposizzjonijiet liema disposizzjonijiet jinsabu fi-Kapitolu 69 u fil-Legislazzjoni Sussidjarja 69.01 u 69.02

c) Illi fost dawn id-disposizzjonijiet hemm r-regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 69.01 liema regolament jirregola n-notifika tal-mandati u tal-atti l-ohra quddiem il-Bord u jistipola:
*"in-notifika tal-mandati, ordnijiet jew atti ohra kollha tal-Bord ghandha ssir skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Cuvili, u dawk id-disposizzjonijiet ghandhom, safejn ikun possibbli, japplikaw ghal procedimenti quddiem il-Bord"*

d) Illi ma hemm ebda disposizzjoni u/jew regolament fil-Kapitolu 69 u/jew fil-Legislazzjoni Sussidjarja 69.01 u 69.02 li taghmel applikabbli l-artikolu 811 ghall-procedimenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera;

e) Illi fil-fatt l-unika istanza fejn il-Bord li Jirregola l-Kera jista’ jordna s-smiegh mill-gdid ta’ rikors huwa f’kaz ta’ dikjarazzjoni falza u dan skont l-artikoli 42 u 43 tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fl-artikolu 811 tal-Kap 12 insibu artikoli li ukoll jitrattaw dikjarazzjonijiet foloz u qerq, ossia fis-subinciz 811 (a) u 811 (j). Dan ifisser illi galadarba sar artikolu ad hoc fil-Kap 69, l-intenzjoni kienet illi l-artikoli l’ ohra tal-artikolu 811 tal-Kap 12 ma humiex applikabbli ghal sentenzi decizi bil-Bord li Jirregola l-Kera;

f) Illi konsegwentement l-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ma japplikax ghall-proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u ghaldaqstant dawn il-proceduri huma nulli;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti u dawk sussegwenti, b’mod preliminari f’kaz li l-ewwel eccezzjoni tigi michuda u f’kaz li jigi ddikjarat illi l-artikolu 811 tal-Kap 12 huwa applikabbli, jigi rrilevat illi l-proceduri huma nulli stante li talba ghal ritrattazzjoni, f’qorti tal-ewwel grad, ghandha ssir b’rikors guramentat, u ghandha tinghata l-garanzija ghall-ispejjez skont l-artikolu 249:

a) Illi l-procedura odjerna saret b'semplici rikors u mhux b'rikors guramentat kif jirrikjedi l-artikolu 815 tal-Kap12;

b) Illi di piu ma nghatat ebda garanzija ghall-ispejjez skont l-artikolu 249 tal-Kap 12 kif jirrikjedi l-istess artikolu;

c) Illi konsegwentement dawn il-proceduri ghandhom jigu dikjarati nulli;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti Mark Micallef u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a) Illi fil-mertu n-notifika tar-rikorrenti saret korrettement u ai termini tar-Regolament 4 tal-Ligi Sussidjarja 69.01 u tal-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

i. Illi t-tieni premessa ossia li "*r-rikorrent qatt ma gie notifikat bl-atti tar-rikors intavolat quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera*" hija ghal kollox inveritiera u dan stante li ma hux minnu li r-rikorrenti Mark Micallef ma giex notifikat bl-atti tar-rikors bin-numru 42/2014GG.

ii. Illi r-rikorrenti Mark Micallef gie notifikat fil-post tax-xoghol tieghu ai termini tar-Regolament 4 tal-Ligi Sussidjarja 69.01 u ai termini tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

iii. Illi r-rikorrenti Mark Micallef huwa direttur tas-socjeta' Shoemarket Retail Stores Ltd (C 35727) kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok LZ1 u din is-socjeta' ghandha l-indirizz registrat taghha 'Shoemarket', Triq il-Hgejjeg, San Gwann' (vide Dok LZ 2);

iv. Illi r-rikorrenti Mark Micallef gie notifikat fl-indirizz tal-post tax-xoghol tieghu, ossia' Shoemarket, Triq il-Hgejjeg, San Gwann u konsegwentment tali notifika hija valida u effettiva ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi tant li anke fil-verbal tas-seduta tad-disgha (9) t'Ottubru 2014 hemm imnizzel 'Mark Micallef imsejjah tliet darbiet minkejja li debitament notifikat ma deherx'

v. Illi konsegwentement t-talbiet tar-rikorrenti Mark Micallef ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

b) Illi di piu r-rikors odjern huwa ntiz biss sabiex jahli l-hin ta’ dan l-Onorabbli Bord u sabiex ikompli jivvessa lill-esponenti:

i. Illi jigi rrilevat illi r-rikorrenti Mark Micallef ilu ma jhallas kera sa mis-sena elfejn u hdax (2011) u dan minkejja li ntbghatu zewg ittri ufficjali ghal-hlas ta’ tali kera u konsegwentement dan ir-rikors qed isir biex jkompli jivvessa lill-esponenti u jkompli jikkawzalhom pregdizzju u danni;

ii. Illi inoltre huwa car illi ma hux minnu illi s-sentenza hija effetta minn zball li jidher manifestament fl-atti. Ghall-kuntrarju l-gudizzju ta’ dan l-Onorabbli Bord kien wiehed gust u korrett kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u allura ma hemmx lok li jigi sindikat bil-procedura straordinarja ta’ ritrattazzjoni;

4. Illi fir-raba’ lok u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti kif stabbilit b’varji sentenzi tal-Qrati taghna, il-

proceduri ta' ritrattazzjoni huma rimedju straordinarju u m'ghandhom iservu ta' Qorti tat-Tielet Grad u ghalhekk id-disposizzjonijiet tal-istess ghandhom jigu interpretati b'mod ristrett hafna;

5. Salv risposta ulterjuri permessa mill-ligi;

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi fis-seduta tad-29 ta' Frar 2016 il-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet orali taghhom u l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari;

Ra l-atti kollha tal-kawza u qies d-dokumenti u provi kollha mressqa.

Ikkunsidra:

Illi fil-kaz odjern l-intimat rikorrent qed jitlob ritrattazzjoni tal-kawza numru:42/2014. Dan ghaliex jghid illi huwa ma giex notifikat b'dawk il-proceduri u ghalhekk ma inghatax smiegh xieraq.

Illi minn ezami bir-reqqa tad-dokumenti prezentati jirrizulta, mill-kopja tar-riferta a folio 12 tal-process, li l-imsemmija notifika lill-intimat rikorrent odjern thalliet fl-indirizz tax-xoghol tieghu ma' impjegata tal-kumpanija li taghha l-intimat rikorrent huwa direttur u ghalhekk huwa gie notifikat fuq il-post tax-xoghol tieghu. Illi ghalhekk l-intimat rikorrent gie notifikat skond il-ligi u n-notifika hija valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi ma ngabu l-ebda provi mill-intimat rikorrent sabiex jirribatti din in-notifika u jipprova li din in-notifika hija invalida.

Illi ghalhekk bhala fatt l-intimat rikorrenti m'ghandu l-ebda bazi sabiex jitlob ritrattazzjoni tal-imsemmi rikors.

Illi fid-dritt, minn ezami tal-ligi jirrizulta illi l-uniku kaz fejn il-Kapitolu 69 jippermetti smiegh mill-gdid huwa fil-kaz ta' dikjarazzjoni falza jew qerq taht l-Artikoli 42 u 43 ta' l-istess ligi. Illi l-Bord huwa tal-fehma illi li kieku l-legislatur ried li l-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kellu japplika wkoll ghall-proceduri quddiem il-Bord tal-Kera, ma kienx jaghmel dan l-Artikolu ad hoc taht il-Kapitolu 69 u jipprovdi ghal dik is-sitwazzjoni biss izda kien jaghmel l-Artikolu 811 applikabbli wkoll ghall-proceduri quddiem dan il-Bord, kif del resto sehh b'Artikoli tal-ligi ohrajn.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qed jilqa' din l-eccezzjoni tar-rikorrenti ntimati bl-ispejjez kontra l-intimat rikorrent Mark Micallef.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur